**Kunsill Reġjun Punent**

Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary Rabat, Malta

E | reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **40**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar it-Tlieta 27 ta' Awwissu, 2024 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:30 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| L-Imdina: | Sindku s-Sur Peter Sant Manduca |
| Il-Qrendi: | Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| Ħaż-Żebbuġ: | Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi |
| Ir-Rabat: | Sindku s-Sur Alexander Craus |

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

| | |
|---|---|
| Ħad-Dingli: | Sindku s-Sur Raymond Schembri |
| Ħal Kirkop: | Sindku s-Sur Matthew Agius Zammit |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Siġġiewi: | Sindku s-Sur Julian Borg |
| L-Imqabba | Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa |
| Ħal Safi | Sindku s-Sur Johan Mula. |
| Iż-Żurrieq: | Sindku s-Sa Rita Grima |

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-18:00 ta' filgħaxija.

**40.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ir-Reġjun Punent irċieva ittri ta' apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku tas-Siggiewi is-Sur Julian Borg, is-Sindku ta' l-Imqabba is-Sa. Grace Marie Zerafa, is-Sindku ta' Ħal Safi, is-Sur Johan Mula u is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa. Rita Grima. Fuq proposta tal-President, kien hemm qbil unanimu sabiex dawk il-membri mhux preżenti jitniżlu skużati.

**40.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 39;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 39 li saret nhar it-23 ta' Lulju, 2024.

Sekondant: Is-Sindku ta' Mdina, is-Sur Peter Sant Manduca
Il-Kunsill qabel unanimament

**40.03 Kommunikazzjoni mill-President**

40.03.01 Nhar it-22.07.24 irċivejna PQ20898 fejn l-Onor Bernice Bonello saqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali:

Jista' l-Ministru jgħid kemm jintefqu flus annwalment biex jinkrew braken għal diversi attivitajiet? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx xi ħsieb li l-Gvern jinvesti f'barkun?
Ir-Reġjun wieġeb – 'Nirreferi għal PQ 20898, fejn ninfurmak li l-Kunsill Reġjonali Punent ma jagħmilx użu mis-servizz ta' Braken'

40.03.02 Nhar it-22.07.24 irċivejna r-risposta mill-Wasteserv wara li ntbagħtu ir-rimarki għall-awditjar tal-konformita' tal-iskart. Dawn kienu ta rispons aċċetatat għad-domandi li saqsiet l-awditura mil-ADI u għaldaqstant l-eżerċizzju huwa mitmum.

40.03.03 Nhar it-23.07.24 irċivejna mingħand Ewropa Kreattiva fejn infurmawna li L'Horta Teatre, kumpanija teatrali kif ukoll post, qed tfittex proġetti ffukati fuq/ħidma ma arti tal-ispettaklu, edukazzjoni, inklużjoni soċjali, gruppi ta' żvantaġġi kif ukoll udjenza tat-tfal.

40.03.04 Nhar it-23.07.24 irċivejna stedina għal kors introduttorju dwar il-librariżmu organizzat mill-Malta Library and Information Association.

40.03.05 Nhar it-23.07.24 il-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet il-proposta tal-Proġett UNITY wara li ġejna avviċinati mis-Sur Andras mill-International Projects and Grants li huma interessati f'dan il-proġett.

40.03.06 Nhar it-23.07.24 irċivejna statistika mil-ERA fuq inspections u multi li ngħataw fuq l-iskeda taż-żibel u separazzjoni obbligatorja tal-iskart maqsuma għal kull lokalità.

40.03.07 Nhar l-24.07.24 irċivejna lista mil-Jobsplus ta' kandidati prospettivi għal vakanza ta' part-time cleaner/ messenger.

40.03.08 Nhar il-25.07.24 hargu r-rizulatati tal-applikazjoni RCCP07-24

40.03.09 Nhar il-25.07.24 bgħatna lil ERA il-lista ta hotspots fejn qed isir abbuż mill-ħruġ tal-iskart.

40.03.10 Nhar is-26.07.24 saret laqgħa mid-DLG għas-Segretarji Eżekuttivi.

40.03.11 Nhar is-26.07.24 irċivejna mingħand Project Aegle Foundation rigward proġett pilota ta' 'Wireless Charging Station for e-bikes'.

40.03.12 Nhar is-26.07.24 il-Maniġier tal-iskart bagħat lis-Sa Cassar mill-Wasteserv fuq proposta li r-Reġjun qed jipproponi kollaborazzjoni bejn EcoHive Academy sabiex teduka studenti żgħażagħ dwar l-iskart permezz ta' żjarat interattivi.

40.03.13 Nhar is-27.07.24 is-Sur Zammit bagħtilna l-ispiża għall-avveniment ta' Buzz Bee ma' skejjel u entitajiet oħra.

40.03.14 Nhar id-29.07.24 il-Maniġier tal-Ambjent avviċina lill-Inġinier Farrugia dwar jekk Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali jistgħux jagħmlu użu mill- Malta University Consulting u s-servizzi tagħha. L-opportunità attwali hija relata ma' pjan ta' ġestjoni tat-traffiku għal Ħal Kirkop.

40.03.15 Nhar id-29.07.24 il-Maniġier tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet Microsoft form u Data Processing Agreement form lill-Organizazzjonijiet volontarji u NGO's fi ħdan ir-Reġjun Punent. B'dan l-eżerċizzju ser ikun qed jiġi faċilitat il-proċess ta' komunikazzjoni rigward opportunitajiet u avvenimenti li jinkludu skema ta' fondi, sezzjonijiet ta' taħriġ kif ukoll attivitajiet organizzati mir-Reġjun Punent.

40.03.16 Nhar id-29.07.24 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej avviċinat kuntatt li rċivejna mingħand l-Ambaxxattur għall-Estonja u Finlandja, is-Sur Vella fuq il-proġett li ir-Reġjun qed iħejji. Dan il-proġett hu iffukat fuq it-titjib tal-benessri tal-komunitajiet, speċjalment dawk immirati lejn voluntiera li jaħdmu maż-żgħażagħ kif ukoll stakeholders bħal ministeru għall-inklużjoni u s-Settur tal-volontarjat, il-Fondazzjoni Richmond u l-FSWS.

40.03.17 Nhar id-29.07.24 irċivejna mingħand il-Planning Authority li ġie integrat servizz elettroniku fejn periti jistgħu japplikaw permezz ta' E-apps u tiġi eliminata l-ħtieġa ta' sottomissjonijiet ta' email jew kopji stampati. Din ser titnieda nhar il-05.08.24 fejn minn dik il-data l-kunsilli lokali jistgħu jissottomettu biss applikazzjonijiet għal finanzjament tal-PA permezz tal-E-apps permezz tal-perit tagħhom.

40.03.18 Nhar id-29.07.24 il-President bagħat is-Sa Cauchi mill-ACM fejn ġibdilha l-attenzjoni fuq ċertu timelines u sottomissjonijiet ta' dokumenti fuq l-applikazzjoni RCCP07-24.

40.03.19 Nhar it-30.07.24 il-Maniġier tal-iskart informa lill-iskejjel dwar l-inizjattiva li r-Reġjun jixtieq jaħdem ma' kull skola fi ħdanu wara li ġie premjat bl-aħjar prestazzjoni għas-sena 2023. Il-proġett huwa li nagħtu 'recycling skips' sabiex ikun hemm aktar riċiklar ta' skart.

40.03.20 Nhar it-30.7.24 il-Maniġier tal-Proġetti informa kemm lis-Sindki kif ukoll lis-Segretarji Eżekuttivi dwar l-attività tal-ġbir taż-żebbuġ kif ukoll il-ġbir tal-ħarrub. Informa li dawk interressati għandhom jinfurmawħ sa mhux aktar tard mis-07.08.24 sabiex jilħqu issiru l-arranġamenti meħtieġa.

40.03.21 Nhar it-30.07.24 il-Maniġier tal-Fondi Lokali u Ewropej avviċinat lis-Sur Gannon fejn infurmatu li r-Reġjun iħoss li jista jibbenifika mill-involviment tiegħu fil-proġett EMPOWER -Educating Minds of adults, Promoting Opportunities for Wellbeing,

Engagement and Resilience for voluntary organisations. Il-Maniġier infurmatu li r-Reġjun jixtieq jesplora l-possibbilità fl-għoti ta' taħriġ lill-membri ta' organizzazzjonijiet volontarji u wkoll lil dawk li jħarrġu l-ewwel għajnuna fis-saħħa mentali li jaħdmu Richmond Foundation.

40.03.22 Nhar it-30.07.24 irċivejna Ċir AKL2024/048 European Mobility Week. L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali flimkien ma' Transport Malta stidnuna għal tnehdija tal-European Mobility Week annual event li saret nhar is-07.08.24. Attendew ghat-tnehdija l-President u l-EU/Local Fund Manager is-Sa.Cutajar.

40.03.23 Nhar it-31.07.24 irċivejna mingħand Transport Malta sabiex issir laqgħa flimkien ma' Infrastructure Malta biex jiġi diskuss il-'proposed pedestrian underpass crossing' fil- limiti tal-Ħemsija Triq L-Imdina, Mdina ,Attard.

40.03.24 Nhar it-31.07.24 irċivejna mingħand l-MCAST li ser ikunu qed jerġgħu jorganizzaw 'The Community College for the third age course'. L-applikazzjonijiet ser ikunu miftuħin mill-5 sat-18 ta' Awwissu, huma bla ħlas u is-sezzjonijiet ser jibdew mit-23.09.24. Is-sessjonijiet jinvolvu suġġetti diversi, inklużi l-benesseri tas-saħħa mentali u l-attenzjoni, l-ewwel għajnuna, nutrizzjoni, storja, politika u ġrajjiet kurrenti.

40.03.25 Nhar it-31.07.24 irċivejna mingħand il-Wasteserv li għamlu 'set off' fuq il-kontijiet tal-iskart. Qed nistennew li ssir laqgħa dwar dan sabiex l-affarijiet isiru b'mod aħjar.

40.03.26 Nhar it-31.07.24 infurmajt lill-Kunsilli Lokali dwar il-Proġett Promozzjoni tal-Wirt Kulturali - Sensiela Televiżiva Niċeċ fir-Reġjun. Nhar l-01.08.24 is-Sur Cassar li ser ikun qed jieħu ħsieb il-programm Niċeċ, informa lil Kunsilli Loklai sabiex jibgħatulu lista ta' bejn wieħed u ieħor 20 u 30 niċċa u n-numru wieħed ikun l-aktar importanti u n-numru 30 l-inqas wieħed, b'isem n-niċċa u t-triq li tinsab fiha.

40.03.27 Nhar it-31.07.24 saret il-laqgħa mal-PROs sabiex jipprova jintlaħaq ftehim dwar il-ġbir u rimborz ta' skart. Il-President u l-Maniġer tal-Iskart attendew għal-laqgħa li finalment xorta baqa' ma ntlaħaqx ftehim. Id-Direttur Mercieca tal-ERA qal (06.08) 'We have reviewed draft and have no specific comments on this draft. It is however pertinent to note from a general perspective and for the sake of clarity, that as required by the packaging regulations, it is clear that PROs should finance the system set up for door-to-door collection, treatment, etc, of **municipal** packaging waste, not **household** waste only.'

40.03.28 Nhar l-01.08.24 irċivejna mingħand DLG Direttiva 1/2024 - Laqgħat Statutorji tal-Kunsilli, fejn infurmawna li laqgħat statutorji għandhom isiru fil-bini amministrattiv tal-Kunsill u membru jista' jipparteċipa b'mod virtwali biss f'każijiet eċċezzjonali.

40.03.29 Nhar it-02.08.24 il-President flimkien ma l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali attenda għall-laqgħa kordjali mal-Eċċellenza tagħha l-President ta' Malta Myriam Spiteri Debono.

40.03.30 Nhar it-02.08.24 irċivejna mingħand Creative Europe Desk Malta sejħa għall-applikazzjoni 'Discover the new Mediterranean Talent Academy program' - As part of a project funded by the Agence Française de Dévelopement (AFD), a call for application is now open for the second edition of the Mediterranean Talent Academy (Académie des Talents Méditerranéens, ATM), a hybrid, itinerant training program that aims to build a shared narrative and bring high-impact projects to fruition in the Mediterranean for 25 young talents in the following 12 target countries: Morocco, Algeria, Mauritania, Tunisia, Libya, Egypt, Lebanon, Portugal, Spain, France, Italy and Malta.

40.03.31 Nhar it-02.08.24 irċivejna mingħand AKL sabiex nagħtuhom feedback fuq 'Round 4 Noise Action Plan stakeholder meeting'. L-AKL qegħda tistenna laqgħa mal-ERA lejn l-aħħar ta' Settembru. Tali korrispondenza ukoll intbgħatet lill-Kunsilli Lokali tar-Reġjun Punent.

40.03.32 Nhar il-05.08.2024 irċivejna mingħand Project Aegle Foundation li Cube Plus qegħdin ifittxu msieħba għall-proġett pilota biex jinstallaw bank kompletatment sostennibli f'xi triq jew pjazza f' Malta.

40.03.33 Nhar is-07.08.24 irċivejna ir-rivista mingħand in-NBTS – The Drop MT.

40.03.34 Nhar it-08.08.24 irċivejna Ċir AKL2024/049 You Matter - Building Resilience: Overcoming Challenges and Promoting Well-being. Għal darb'oħra qed terġa' tkun proattiva fil-bżonnijiet u l-eżiġenzi tal-membri tagħha. Dan billi toffri diversi servizzi li minnhom jkunu jistgħu jibbenefikaw kemm il-membri eletti kif ukoll il-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali. Servizz ġdid li ser ikun qed jiġi offrut minn din il-leġiżlatura, u li ġie varat ftit tal-ġimgħat ilu huwa dak ta' assistenza fejn jidħlu materji ta' saħħa mentali. Nhar 28.09.2024 ser jiġi organizzat seminar fil-Lukanda Hyatt Regency biex tingħata aktar informazzjoni.

40.03.35 Nhar it-08.08.24 l-EU-Local Fund Manager bagħtet informazzjoni lill-Kunsilli Lokali dwar il-European Mobility Week 2024.

40.03.36 Nhar id-09.08.24 irċivejna mingħand DG tal-Gvern Lokali Direttiva 2.2024 – Revoka ta' Direttiva 1_2024 u Aġġornament dwar il-Laqgħat tal-Kunsilli Lokali.

40.03.37 Nhar it-12.08.2024 irċivejna mingħand HOOP network rigward opportunita' ta żjara informattiva f'Bergen in-Norveġja bl-isem 'HOOP – Final Event and Study tour'li ser issir nhar il-11 u 12 ta' Settembru 2024.

40.03.38 Nhar it-13.08.24 irċivejna mingħand Aġenzija Żgħażagħ stedina għall-Annual Stakeholders' Conference bl-isem ' We Need Youth' li ser issir nhar l-24.09.24

40.03.39 Nhar l-14.08.24 irċivejna mingħand Friends of th Earth Malta rigward 'Environmental Design Thinking Marathon' li ser issir nhar is-06.09.24 u 14.09.24. Ir-Regjun ta promozzjoni ta' din l-attivita fuq il-mezzi soċjali.

40.03.40 Nhar is-16.08.24 irċivejna mingħand ICLEI Europe rigward Focus group li ser iseħħ fl-10.09.24 bl-isem ta' 'Training and Awareness-raising Activities in Socially Responsible Public Procurement'

40.03.41 Nhar id-19.08.24 irċivejna mingħand Creative Europe Desk Malta rigward 'peer-to-peer session' dedikata lill-European cooperation and Gender Equality li ser ssir nhar l-01.10.24.

40.03.42 Nhar id-19.08.24 irċivejna Cir AKL 2024/050 'Charity Bike Ride 2024 in aid of Dar tal-Providenza' li ser tinżamm nhar il-Ħadd, 27 t' Ottubru 2024, bil-ħlas kollhu ħa jmur b'risq għad-Dar tal-Providenza.

40.03.43 Nhar id-19.08.24 irċivejna mingħand Wasteserv rigward 'European Week for Waste Reduction li ser tkun iccelebrata bejn is-16 sa 24.11.2024 bit-tema prinċipali ser tkun Food Waste.

40.03.44 Nhar l-20.08.24 il-Maniġer tal-Ambjent għamel laqgħa ma' rappreżentanti ta TM U IM dwar l-underpass crossing fil-limiti tal-Ħemsija-Triq L-Imdina, Mdina ,Attard.

40.03.45 Nhar it-22.08.24 irċivejna mingħand Dipartiment tal-Active Ageing and Community Care fejn infurmawna li fetħu l-applikazzjonijiet għall-Premju Anzjanita' Attiva' u 5 kategoriji oħra. L-applikazzjonijiet jagħlqu nhar it-08.09.24

40.03.46 Nhar it-22.08.24 irċivejna mingħand id-DLG li it-Trading Licence Unit ġewwa id-Dipartiment tal-Kummerċ qiegħed fil-proċess li joħroġ it-Trading Licence Renewals. Il-pubbliku ser jkun qed jiġi fl-uffiċini tal-Kunsill biex jġedded dawn il-liċenzji.

40.03.47 Fit-22.08.24 il-Maniġer tal-Iskart bagħat email lill-Kunsilli kollha biex jfakkar fl-iskema ta' rimborż għas-separazzjoni tal-iskart fil-festi u avvenimenti, fl-iskema ta' għajnuna finanzjarja għal tindif intensiv u fit-tabelli tal-Iskeda/relatati ma' Skart – Rimborż.

40.03.48 Fit-22.08.24 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u tal-EU fakkret lil- NGO's u organizzazjonijiet volontarji fi ħdan Reġjun Punent biex jimlew il-formola biex nkunu nistgħu naġġornaw l-informazzjoni fid-database kif ukoll il-ftehim tal-ipproċessar tad-data.

40.03.49 Nhar it-23.08.24 intbagħtet stedina lill-Kunsilliera responsabbli mill-Kultura u Sport rigward laqgħa t'informazzjoni li ser issir fir-Reġjun Punent nhar l-04.09.24.

40.03.50 Nhar it-23.08.24 irċivejna Cir AKL 2024/051 'Save the Date 'Transforming Care for Older Adults in Malta' li ser issir nhar il-11.09.24

40.03.51 Nhar is-26.08.24 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u EU infurmat lill-Kunsilli, NGOs u għaqdiet volontarji rigward l-Iskema għall- Wirt Artistiku fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Arti. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sat-08.10.24

40.03.52 Nhar is-26.08.24 sar it-tielet taħrig tal-Food Handling Course ġewwa Żebbuġ Baden Powell Scouts fejn attendew il-parteċipanti

**40.04 Tweġibiet għall-mistoqsijiet**

40.04.01 Is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Sandro Craus staqsa jekk tistax issir lista ta' toroq li għalkemm huma distributorji tant jintużaw li għandhom jitqiesu bħala 'arterjali' u z-żamma tagħhom ma tibqax taqa' taħt kull Kunsill Lokali.

**40.05 Tqegħid ta' Dokumenti/ rapporti**

40.05.01 Kwotazzjoni RFQ180/2024 Request For Quotation for provision of Rental of All-In-One Large Office Printer

**40.06 Approvazzjoni ta' Xiri**

40.06.01 Kwotazzjoni RFQ180/2024 Request For Quotation for provision of Rental of All-In-One Large Office Printer

Il-President informa li ntbagħtu 5 inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna 2 offerti. Il-President ippropona nkomplu għaddejin bil-kuntratt kuntratt diġa eżistenti minħabba li jkopri 5 snin u sa llum għaddew biss ftit aktar minn sentejn.

Sekondant: is-Sindku taż-Żebbug, is-Sur Steve Zammit Lupi
Il-Kunsill qabel unanimament.

**40.07 Skeda tal-Pagamenti Nu.28**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 28

Proponent: Is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Sandro Craus
Sekondant: Is-Sindku ta' Mdina, is-Sur Peter Sant Manduca
Il-Kunsill qabel unanimament.

**40.08 Tender Street Lightning**

President propona li jibdew preparamenti sabiex ikun maħruġ tender għal Street lightning. Ġie propost li din tiġi diskussa ġaladarba jkunu preżenti l-membri kollha.

40.09 **Barriers għal pjazzez pedonali u għeluq ta' toroq**

Il-President ippropona sabiex ir-Regjun jinvesti f'sett ta' barriers sabiex ikunu jistgħu jintużaw mill-Kunsilli Lokali għall-attivitajiet kulturali, soċjali u edukattivi li jkollu fil-lokal. B'hekk ukoll ikun jista' jigu frankati ċerta spejjez ta' wardens fost oħrajn.

Sekondant is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Sandro Craus
Il-Kunsill qabel unanimament.

**40.10 Qrendi Automatic Automated Toilets**

Il-President ressaq għall- approvazzjoni il-komunikat li bgħat il-Viċi President, u Sindku tal-Qrendi, is-Sur Schembri fejn informa lir-Reġjun Punent li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi qed iħares lejn il-possibilità li jinbiddlu l-hand dryers u soap dispensers fil-lattrini pubbliċi ta' Wied iż-Żurrieq u l-Qrendi, kif ukoll li l-Latrina Pubblika fil-librerija tal-Qrendi tiġi msebbħa għal kollox. Il-Maniġier tal-Proġetti informa lid-DLG dwar dan anke in vista li l-Kunsill Lokali tal-Mqabba kien ser ikollu pjanijiet oħra għal proposta li kellu u mhux ser ikun qed jieħu sehem f'din l-iskema.

Waqt il-laqgha is-Sur Schembri propona li dment li hemm fondi disponsibbli jixtieq izid ukoll it-toilets fil-binja tal komunita' il-ġdida fis-sular ta' fuq.

Sekondant: is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Sandro Craus
Il-Kunsill qabel unanimament.

**40.11 Cleaner/Messanger (Part Time)**

Il-President semma kif nhar l-24.07.24 irċivejna l-listi mingħand il-Jobsplus għal kandidati prospettivi għas-sejħa messanger/cleaner. Minħabba li s-sejħa hija fuq bażi part-time jinqabdu kandidati minn part 3C1 u 3C2. Ukoll informa kif din is-sejha ħarġet pubblika fuq il-mezzi soċjali.

Informa ukoll li biex ma jintilifx żmien kien propona li l-board tal-għażla ikun magħmul mill-Viċi Presindent is-Sur David M. Schembri u is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa. Rita Grima. Kien hemm żewġ applikanti u l-interviews saru nhar 27.08.24 fejn MDT li kienet fuq il-lista tal-Jobsplus ġabet biżżejjed marki u għaldaqstant ikollha preferenza fl-għażla. Għaldastant il-President ippropona l-approvazzjoni skond il-bord tal-għażla biex MDT tibda taħdem mar-Regjun u timla din is-sejħa.

Sekondant: is-Sindku tal-Mdina, is-Sur Peter Sant Manduca
Il-Kunsill qabel unanimament.

**40.12 Materji Oħra**

40.12.01 **Nudge Active Travel Totem – ser isir Workshop nhar l-Erbgħa 23 t'Ottubru ġewwa l-Mitħna tax-Xarolla fiz-Zurrieq**

Il-President semma li fil-ġimgħat li ġejjin ser jitwaħħlu it-Totem Poles tal-Progett Nudge Active Travel gewwa il-lokalitajiet ta' Ħal-Kirkop, l-Imqabba, il-Qrendi, Ħal Safi u iż-Żurrieq. Il-kumplament tal-lokalitajiet tar-Reġjun Punent mistennija li jitkomplew fis-sena 2025. Il-President ippropona sabiex isir workshop skond ix-xewqa tal-organizzaturi miftuħ għal pubbliku nhar l-Erbgħa 23 t'Ottubru ġewwa l-Mitħna tax-Xarolla fiz-Zurrieq. Għal dan l-avveniment ikunu mistiedna ukoll is-Sindki u ES tal-Kunsilli Lokali kollha.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi, is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

40.12.02 **Probation Period – Council Assistant KX**

Il-President informa li l-Probation tal-Council Assistant ser tagħlaq fi 18 ta' Settembru 2024 u propona li kemm il-darba ma hemmx oġġezzjoni KX tinżamm fil-kariga tagħha.

Sekondant: is-Sindku tal-Mdina, is-Sur Peter Sant Manduca
Il-Kunsill qabel unanimament.

40.12.03 **Sports activity ramp li tintuża mill-Kunsilli Lokali kollha waqt attivitajiet sportivi**

Il-President ippropona sabiex nikkollaboraw ma l-NGO MSSA u ir-Reġjun ikopri l-ispejjeż għal rampa li tkun tista tintuża minn sportivi li jiprattikaw l-isports tal-BMX, skateboard, scooters etc. Dawn ikunu jistgħu jesebixxu dan l-isport fil-lokalitajiet varji

tar-regjun u jagħtu l-opportunita' lil dawk kolha li jixtiequ jiprattikawh. Ma' din l-NGO inkunu nistgħu anke nikkollaboraw f'lokalitajiet fejn hemm nuqqas ta' NGOs sportivi bħal Ħal-Safi sabiex nħeġġu lit-tfal jipprattikaw varjeta' ta' sport.

Sekondant: is-Sindku ta' Żebbuġ, is-Sur Steve Zammit Lupi
Il-Kunsill qabel unanimament.

40.12.04 **Attivita' Sportiva**

Il-President ippropona sabiex kemm il-darba jkollna ċans nippreparaw intellgħu attivita' Regjonali Sportiva marbuta mal-European Week of Sports ġewwa Għar Lapsi nhar il-05 t'Ottubru 2024.

Sekondant: is-Sindku ta' Żebbuġ, is-Sur Steve Zammit Lupi
Il-Kunsill qabel unanimament.

**40.13 Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis-20:00 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **il-25 ta' Settembru, 2024 fil-5:30pm.**

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Sandro Azzopardi | Tania Farrugia |
| President Reġjun Punent | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv |

____________________

Ikkonfermati llum